MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Numru. 1230/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**Paulseph Pirotta ta' 20 sena, bin Francis Pirotta u Augustina xebba Magro, mwieled Pieta fit-3 ta' Dicembru 1990, joqghod 49, God Bless Nestor, Triq l-Izbandola, Qormi detentur tal-karta ta' l-identita numru 571590M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Paulseph Pirotta li permezz taghha huwa gie akkuzat:

a)Talli nhar id-9 ta' Awissu 2009, ghall-habta ta' 19:30hrs, fi Pjazza Federico Maempel Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Alan Brown f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha,

skond kif iccertifikat Dr. Charlene Farrugia ID: 444383M mic-centru tas-sahha tal-Furjana, u aktar talli

b) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, (in-nuccali tax-xemx) liema hsara ma tiskorrix l-1,164.69 Euro, imm ahija izjed minn 116.47 Euro.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja tat-3 ta' Dicembru, 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-ewwel akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-ewwel akkuza u fid-dawl tal-provi mismugha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu. Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, il-prosekuzzjoni u b'mod specjali l-parte leza naqsu milli jressqu provi dwar id-danni subiti u kwindi l-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni mghamulha mill-imputat ghall-ewwel akkuza u l-fatt illi jidher illi l-partijiet issorvolaw id-divergenzi ta' bejniethom. Inoltre l-Qorti stess kellha l-opportunita tara n-natura tal-griehi sofferti mill-parte leza u ghalhekk tikkonstata illi hemm marka zghira taht l-ghajn il-leminija li madankollu ma tghatix wisq fil-ghajn.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt illi tillibera lill-imputat mit-tieni

akkuza issibu hati ta’ l-ewwel u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------